

17.5.2021

B9-0272/21

Emenda 21

Tom Vandenkendelaere, Jeroen Lenaers
fisem il-Grupp PPE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

B9-0272/2021

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Il-protezzjoni adegwata tad-data personali mir-Renju Unit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 19

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

19. ***Jindika li r-regoli tar-Renju Unit dwar il-kondiviżjoni tad-data personali skont l-Att dwar l-Ekonomija Diġitali tal-2017 u dwar it-trasferimenti ulterjuri tad-data tar-riċerka huma bla dubju mhux "essenzjalment ekwivalenti" għar-regoli stabbiliti fil-GDPR, kif interpretati mill-QĠUE;***

19. ***Jinnota li l-leġiżlazzjoni tar-Renju Unit, b'mod partikolari l-Att dwar l-Ekonomija Diġitali tal-2017 u l-Att dwar il-Kriminalità u l-Qrati, jippermettu b'mod espliċitu l-"kondiviżjoni ulterjuri" ta' data personali bejn l-awtoritajiet pubbliċi u mal-Aġenzija Nazzjonali għall-Kriminalità rispettivament għal diversi skopijiet speċifikati; jissottolinja li l-kondiviżjoni ulterjuri abbażi ta' dawn l-atti għandha tikkonforma mad-drittijiet u l-prinċipji definiti fl-Att tar-Renju Unit dwar il-Protezzjoni tad-Data; jikkondividi l-fehma tal-EDPB li l-Kummissjoni għandha tkompli tivvaluta l-impatt possibbli tar-restrizzjonijiet relatati mal-livell ta' protezzjoni tad-data personali;***

Or. en

Emenda 22

Tom Vandenkendelaere, Jeroen Lenaers
f'isem il-Grupp PPE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**B9-0272/2021**

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Il-protezzjoni adegwata tad-data personali mir-Renju Unit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Paragrafu 20***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

20. ***Huwa mħasseb*** li r-Renju Unit ta lilu nnifsu d-dritt li jiddikjara li pajjiżi jew territorji terzi oħra jipprovdu protezzjoni tad-data adegwata, irrispettivament minn jekk il-pajjiż terz jew it-territorju inkwistjoni jkunx ġie meqjus li jipprovdi tali protezzjoni mill-UE; ifakkar li r-Renju Unit diġà ddikjara li Ġibiltà tipprovdi tali protezzjoni minkejja li l-UE ma għamlitx dan; ***huwa mħasseb ħafna*** li *status* ta' ***adegwatezza tar-Renju Unit iwassal għalhekk biex jiġu evitati r-regoli tal-UE dwar it-trasferimenti lejn*** pajjiżi jew territorji li ma jitqisux adegwati ***skont il-liġi*** tal-Unjoni;

20. ***Jieħu nota*** li r-Renju Unit ta lilu nnifsu d-dritt li jiddikjara li pajjiżi jew territorji terzi oħra jipprovdu protezzjoni tad-data adegwata, irrispettivament minn jekk il-pajjiż terz jew it-territorju inkwistjoni jkunx ġie meqjus li jipprovdi tali protezzjoni mill-UE; ifakkar li r-Renju Unit diġà ddikjara li Ġibiltà tipprovdi tali protezzjoni minkejja li l-UE ma għamlitx dan; ***jissottolinja li r-regoli tar-Renju Unit li jirregolaw it-trasferimenti ta' data personali lejn pajjiżi terzi huma identiċi għar-regoli previsti fil-GDPR; iqis, madankollu, li l-Kummissjoni għandha timmonitorja l-applikazzjoni ta' dawn ir-regoli fil-prattika peress li l-għoti ta' status ta' adegwatezza tar-Renju Unit lil pajjiżi jew territorji li ma jitqisux adegwati fl-ambitu tad-dritt tal-Unjoni jista' jwassal biex jiġu evitati r-regoli tal-UE dwar it-trasferimenti;***

Or. en

17.5.2021

B9-0272/23

Emenda 23

Tom Vandenkendelaere, Jeroen Lenaers
fisem il-Grupp PPE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Il-protezzjoni adegwata tad-data personali mir-Renju Unit

B9-0272/2021

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 23

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

23. ***Huwa mħasseb*** li jekk ir-Renju Unit jinkludi dispożizzjonijiet dwar it-trasferimenti tad-data fi kwalunkwe ***ftehimiet*** kummerċjali ***futuri***, fost l-oħrajn ftehimiet kummerċjali bejn l-Istati Uniti u r-Renju Unit, ***il-livell*** ta' protezzjoni ***offrut mill-GDPR jiġi mminat***;

Emenda

23. ***Jinnota*** li jekk ir-Renju Unit jinkludi dispożizzjonijiet dwar it-trasferimenti tad-data fi kwalunkwe ***ftehim*** kummerċjali ***futur***, fost l-oħrajn ftehimiet kummerċjali bejn l-Istati Uniti u r-Renju Unit, ***dan jista' jimplika li r-riskju tal-livell*** ta' protezzjoni ***tad-data personali pprovdut mir-Renju Unit jitbaxxa; jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni timmonitorja dan l-aspett***;

Or. en

Emenda 24

Tom Vandenkendelaere, Jeroen Lenaers
f'isem il-Grupp PPE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**B9-0272/2021**

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Il-protezzjoni adegwata tad-data personali mir-Renju Unit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Paragrafu 25***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

25. Jinnota l-ftehim tar-Renju Unit dwar l-aċċess transfruntier għad-data mal-Istati Uniti²⁷ skont il-CLOUD Act tal-Istati Uniti, li jiffaċilita t-trasferimenti għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi; **huwa mħasseb serjament li dan se jippermetti aċċess** bla bżonn għad-data personali taċ-ċittadini u tar-residenti tal-UE mill-awtoritajiet tal-Istati Uniti; jikkondividi t-tħassib tal-EDPB li s-salvagwardji previsti skont il-Ftehim Komprensiv bejn l-UE u l-Istati Uniti²⁸ applikati fuq bażi mutatis mutandis jistgħu ma jissodisfawx il-kriterji ta' regoli ċari, preċiżi u aċċessibbli f'dak li għandu x'jaqsam mal-aċċess għad-data personali, jew jistgħu ma jkunux jinkorporaw biżżejjed tali salvagwardji sabiex ikunu effettivi u azzjonabbli skont il-liġi tar-Renju Unit;

25. Jinnota l-ftehim tar-Renju Unit dwar l-aċċess transfruntier għad-data mal-Istati Uniti²⁷ skont il-CLOUD Act tal-Istati Uniti, li jiffaċilita t-trasferimenti għal skopijiet ta' infurzar tal-liġi; **jieħu nota li l-ftehim għadu ma daħalx fis-seħħ peress li r-Renju Unit qed ifittex salvagwardji addizzjonali mill-Istati Uniti u impenja ruħu li jinforma lill-Kummissjoni dwar dawk is-salvagwardji addizzjonali qabel ma l-ftehim jidħol fis-seħħ; jistenna li dawn is-salvagwardji jipprevjenu l-aċċess** bla bżonn għad-data personali taċ-ċittadini u tar-residenti tal-UE mill-awtoritajiet tal-Istati Uniti; jikkondividi t-tħassib tal-EDPB li s-salvagwardji previsti skont il-Ftehim Komprensiv bejn l-UE u l-Istati Uniti²⁸ applikati fuq bażi mutatis mutandis jistgħu ma jissodisfawx il-kriterji ta' regoli ċari, preċiżi u aċċessibbli f'dak li għandu x'jaqsam mal-aċċess għad-data personali, jew jistgħu ma jkunux jinkorporaw biżżejjed tali salvagwardji sabiex ikunu effettivi u azzjonabbli skont il-liġi tar-Renju Unit **u jistieden, għalhekk, lill-Kummissjoni timmonitorja l-implimentazzjoni tal-ftehim f'dan ir-rigward;**

²⁷ Ftehim bejn il-Gvern tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerka tat-3 ta' Ottubru 2019 dwar l-Aċċess għal Data Elettronika bil-Għan li tiġi Miġġielda l-Kriminalità Serja.

²⁸ Ftehim bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Unjoni Ewropea dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni personali marbuta mal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali, ĠU

²⁷ Ftehim bejn il-Gvern tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq u l-Gvern tal-Istati Uniti tal-Amerka tat-

L 336, 10.12.2016, p. 3.

3 ta' Ottubru 2019 dwar l-Aċċess għal Data Elettronika bil-Għan li tiġi Miġġielda l-Kriminalità Serja.

²⁸ Ftehim bejn l-Istati Uniti tal-Amerka u l-Unjoni Ewropea dwar il-protezzjoni ta' informazzjoni personali marbuta mal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien u l-prosekuzzjoni ta' reati kriminali, ĠU L 336, 10.12.2016, p. 3.

Or. en

Emenda 25

Tom Vandenkendelaere, Jeroen Lenaers
f'isem il-Grupp PPE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**B9-0272/2021**

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Il-protezzjoni adegwata tad-data personali mir-Renju Unit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Paragrafu 29***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

29. Ifakkar li fir-Riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Frar 2020, il-Parlament Ewropew saħaq li r-"Renju Unit ma jistax ikollu aċċess dirett għal data tas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE jew jipparteċipa fl-istrutturi ta' ġestjoni tal-aġenziji tal-UE fl-ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, filwaqt li kwalunkwe qsim ta' informazzjoni li tinkludi data personali mar-Renju Unit għandu jkun soġġett għal salvagwardji, awditjar u kundizzjonijiet ta' sorveljanza stretti, inkluż livell ekwivalenti ta' protezzjoni tad-data personali għal dak previst mil-liġi tal-UE"; **huwa mħasseb dwar in-nuqqasijiet u l-każijiet ta' ksur** identifikati fil-mod kif ir-Renju Unit implimenta l-liġi dwar il-protezzjoni tad-data waqt li kien għadu membru tal-UE; ifakkar li r-Renju Unit kien qed jirreġistra u jżomm kopja **illegali** tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen; **jindika li, minkejja l-fatt li r-Renju Unit m'għadx għandu aċċess għas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen, dawn il-każijiet ta' ksur urew li l-awtoritajiet tar-Renju Unit ma setgħux jiġu fdati bid-data taċ-ċittadini tal-UE waqt li kien għadu Stat Membru; jesprimi dispjaċir, għalhekk, għall-fatt li l-Kummissjoni naqset milli twettaq il-kompitu tagħha bħala Gwardjan tat-Trattati, billi ma għamlitx pressjoni biżżejjed fuq ir-Renju Unit biex isolvi b'mod urġenti dawn il-**

29. Ifakkar li fir-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Frar 2020, il-Parlament Ewropew saħaq li r-"Renju Unit ma jistax ikollu aċċess dirett għal data tas-sistemi ta' informazzjoni tal-UE jew jipparteċipa fl-istrutturi ta' ġestjoni tal-aġenziji tal-UE fl-ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, filwaqt li kwalunkwe qsim ta' informazzjoni li tinkludi data personali mar-Renju Unit għandu jkun soġġett għal salvagwardji, awditjar u kundizzjonijiet ta' sorveljanza stretti, inkluż livell ekwivalenti ta' protezzjoni tad-data personali għal dak previst mil-liġi tal-UE"; **jieħu nota tan-nuqqasijiet** identifikati fil-mod kif ir-Renju Unit implimenta l-liġi dwar il-protezzjoni tad-data waqt li kien għadu membru tal-UE; ifakkar li r-Renju Unit kien qed jirreġistra u jżomm kopja tas-Sistema ta' Informazzjoni ta' Schengen (**SIS**); **jistenna li l-aġenziji inkarigati mill-infurzar tal-liġi tar-Renju Unit jikkonformaw bis-sħiħ mar-regoli applikabbli meta jiskambjaw data personali fil-futur; ifakkar li r-Renju Unit iżomm aċċess għal xi bażijiet tad-data tal-infurzar tad-dritt tal-Unjoni biss fuq bażi ta' hit/no hit u huwa legalment eskluż milli jkollu aċċess għas-SIS;**

problemi b'mod adegwat u f'waqtu u biex juri li jista' jiġi fdat bl-ipproċessar tad-data personali għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pjeni kriminali; huwa għalhekk imħasseb dwar id-data li qiegħda tiġi skambjata mal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi tar-Renju Unit, u dwar iż-żamma tal-aċċess tar-Renju Unit għall-bażijiet tad-data tal-infurzar tal-liġi tal-UE;

Or. en

17.5.2021

B9-0272/26

Emenda 26

Tom Vandenkendelaere, Jeroen Lenaers
f'isem il-Grupp PPE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

B9-0272/2021

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Il-protezzjoni adegwata tad-data personali mir-Renju Unit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 31

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

31. Jinnota li l-abbozz ta' deċiżjoni ta' adegwatezza *jonqos milli jqis* il-prattiki ta' sorveljanza reali tar-Renju Unit *u jirrifletti fehim mhux preċiż u limitat tat-tipi* ta' data ta' komunikazzjoni li jaqgħu taħt is-setgħat ta' żamma tad-data u ta' interċettazzjoni legali tar-Renju Unit;

31. Jinnota li l-abbozz ta' deċiżjoni ta' adegwatezza *jivvaluta b'mod approfondit id-drittijiet ta' kull awtorità tar-Renju Unit mogħtija s-setgħa mid-dritt nazzjonali li tinterċetta u żżomm data personali għal raġunijiet ta' sigurtà nazzjonali; jilqa', barra minn hekk, il-fatt li r-rapporti dettaljati ta' sorveljanza dwar l-awtoritajiet inkarigati mill-komunità tal-intelligence jipprovdu informazzjoni dwar il-prattiki ta' sorveljanza reali tar-Renju Unit; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tivvaluta u timmonitorja t-tipi* ta' data ta' komunikazzjoni li jaqgħu taħt is-setgħat ta' żamma tad-data u ta' interċettazzjoni legali tar-Renju Unit;

Or. en

Emenda 27

Tom Vandenkendelaere, Jeroen Lenaers
f'isem il-Grupp PPE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**B9-0272/2021**

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Il-protezzjoni adegwata tad-data personali mir-Renju Unit

Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Paragrafu 32***Mozzjoni għal riżoluzzjoni**Emenda*

32. Jindika li l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni (TCA) bejn l-UE u r-Renju Unit jinkludi titoli dwar l-iskambju tad-DNA, tal-marki tas-swaba' u tad-data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi, it-trasferiment u l-ipproċessar tad-data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR), il-kooperazzjoni dwar l-informazzjoni operazzjonali u l-kooperazzjoni mal-Europol u mal-Eurojust, li se ***japplikaw irrispettivament mid-deċiżjoni*** ta' adegwatezza; ifakkar, madankollu, fit-tfassib espress fl-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern ta' Frar 2021 dwar it-TCA ***rigward l-użu speċjali u ż-żamma itwal ta' data personali mogħtija lir-Renju Unit skont it-titoli ta' Prüm u tal-PNR tat-TCA, li mhumiex konformi mal-użi u ż-żamma mill-Istati Membri***; ifakkar fid-dritt li titressaq azzjoni quddiem il-QĠUE sabiex issir verifika tal-legalità tal-ftehim internazzjonali propost u, b'mod partikolari, tal-kompatibbiltà tiegħu mal-protezzjoni ta' dritt fundamentali²⁹;

32. Jindika li l-Ftehim dwar il-Kummerċ u l-Kooperazzjoni (TCA) bejn l-UE u r-Renju Unit jinkludi titoli dwar l-iskambju tad-DNA, tal-marki tas-swaba' u tad-data tar-reġistrazzjoni tal-vetturi, it-trasferiment u l-ipproċessar tad-data tar-reġistru tal-ismijiet tal-passiġġieri (PNR), il-kooperazzjoni dwar l-informazzjoni operazzjonali u l-kooperazzjoni mal-Europol u mal-Eurojust, li se ***jistgħu jkunu sospiżi jekk ir-Renju Unit juri nuqqasijiet serji rigward il-protezzjoni tad-data personali, anki meta l-Kummissjoni tissospendi d-deċiżjoni*** ta' adegwatezza ***rilevanti; jilqa' l-fatt li l-ipproċessar ta' kategoriji speċjali ta' data għadu pprojbit***; ifakkar, madankollu, fit-tfassib espress fl-opinjoni tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern ta' Frar 2021 dwar it-TCA; ***jinnota li d-dispożizzjonijiet tat-TCA dwar Prüm huma fil-biċċa l-kbira tagħhom konformi mar-regoli interni tal-UE iżda ġew adattati fir-rigward tal-evalwazzjoni, tas-sospensjoni u tad-diżapplikazzjoni***; ifakkar fid-dritt li titressaq azzjoni quddiem il-QĠUE sabiex issir verifika tal-legalità tal-ftehim internazzjonali propost u, b'mod partikolari, tal-kompatibbiltà tiegħu mal-protezzjoni ta' dritt fundamentali²⁹;

²⁹ Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li tinnota l-livell adegwat ta' protezzjoni pprovdut għad-data personali li tinsab fir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) trasferita lill-Uffiċċju

²⁹ Ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew

Doganali u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri tal-Istati Uniti., ĠU C 103E, 29.4.2004, p. 665.

dwar l-abbozz ta' deċiżjoni tal-Kummissjoni li tinnotta l-livell adegwat ta' protezzjoni pprovdut għad-data personali li tinsab fir-Reġistru tal-Ismijiet tal-Passiġġieri (PNR) trasferita lill-Uffiċċju Doganali u tal-Protezzjoni tal-Fruntieri tal-Istati Uniti., ĠU C 103E, 29.4.2004, p. 665.

Or. en

17.5.2021

B9-0272/28

Emenda 28

Tom Vandenkendelaere, Jeroen Lenaers
f'isem il-Grupp PPE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Il-protezzjoni adegwata tad-data personali mir-Renju Unit

B9-0272/2021

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 33

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

33. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura lin-negozji tal-UE li d-deċiżjoni ta' adegwatezza se tipprovdi bażi ġuridika soda, *suffiċjenti* u *orjentata lejn il-futur għat-trasferimenti tad-data*; jissottolinja l-importanza li jiġi żgurat li din id-deċiżjoni ta' adegwatezza titqies aċċettabbli jekk tiġi rieżaminata mill-QĠUE u jisħaq li għalhekk ir-rakkomandazzjonijiet kollha magħmula fl-opinjoni tal-EDPB għandhom jiġu adottati;

Emenda

33. Jistieden lill-Kummissjoni tiżgura lin-negozji tal-UE li d-deċiżjoni ta' adegwatezza se tipprovdi bażi ġuridika soda *għat-trasferimenti tad-data dment li r-reġimi tal-protezzjoni tad-data tar-Renju Unit u tal-UE jibqgħu konverġenti fil-liġi u fil-prattika*; jissottolinja l-importanza li jiġi żgurat li din id-deċiżjoni ta' adegwatezza titqies aċċettabbli jekk tiġi rieżaminata mill-QĠUE u jisħaq li għalhekk ir-rakkomandazzjonijiet kollha magħmula fl-opinjoni tal-EDPB għandhom jiġu adottati;

Or. en

17.5.2021

B9-0272/29

Emenda 29

Tom Vandenkendelaere, Jeroen Lenaers
f'isem il-Grupp PPE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Il-protezzjoni adegwata tad-data personali mir-Renju Unit

B9-0272/2021

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 33a (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

33a. Jistenna li l-Kummissjoni, meta l-informazzjoni disponibbli tiżvela li r-Renju Unit ma għadux jiżgura livell adegwat ta' protezzjoni u sa fejn ikun meħtieġ, tagħmel użu mis-setgħat tagħha li temenda, tissospendi jew tħassar id-deċiżjoni ta' adegwatezza fi kwalunkwe ħin, inkluż permezz tal-proċedura ta' urġenza prevista fl-abbozz ta' deċiżjoni ta' adegwatezza; jistenna li l-Kummissjoni l-ewwel tapprova temenda d-deċiżjoni qabel ma tissospendiha jew tħassarha, sabiex tevita tfixkil bla bżonn lill-flussi tad-data jew spejjeż għoljin ta' konformità;

Or. en

17.5.2021

B9-0272/30

Emenda 30

Tom Vandenkendelaere, Jeroen Lenaers
fisem il-Grupp PPE

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern
Il-protezzjoni adegwata tad-data personali mir-Renju Unit

B9-0272/2021

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Paragrafu 33b (ġdid)

Mozzjoni għal riżoluzzjoni

Emenda

33b. Jilqa' l-fatt li d-deċiżjonijiet ta' adegwatezza se japplikaw biss għal erba' snin peress li r-Renju Unit jaf jagħżel li jemenda l-leġiżlazzjoni soġġetta għall-valutazzjoni tal-adeqwatezza tal-Kummissjoni issa li m'għadux Stat Membru tal-UE; jistieden lill-Kummissjoni biex sadanittant tibqa' timmonitorja l-livell ta' protezzjoni tad-data fir-Renju Unit fil-liġi u fil-prattika u twettaq valutazzjoni approfondita qabel ma ġġedded id-deċiżjoni ta' adegwatezza fl-2025;

Or. en